*-Hlas għal xogħlijiet fi proprjeta` komuni*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**MĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru:-918/09GM**

**Fourx Limited (C- 14386)**

**vs**

**Mediterranean Flower Products Limited (C- 2197)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ppreżentat fi 12 ta' Ottubru, 2009, fejn is-soċjeta` attriċi wara li esponiet illi:

1. Is-soċjetà attriċi u dik konvenuta huma ko-proprjetarji ta' medda ta' art li tinsab f' Ta' Qali;
2. Is-soċjetà attriċi u dik konvenuta kiennu qablu illi jiġu esegwiti numru ta' xogħolijiet fil-medda ta' art surreferita;
3. Is- soċjetà attriċi u dik konvenuta qablu ukoll illi s- soċjetà attriċi kienet ser tieħu ħsieb illi tħallas lil terzi għax- xogħol minnhom esegwit kif premess, b'dan illi s-soċjetà konvenuta kellha

umbagħad, ċioe meta tiġi mitluba mas-soċjetà attriċi, tħallas lill-istess soċjetà attriċi nofs l-ispejjez illi l-istess soċjetà attriċi tkun ħallset lil terzi kif premess;

4. Illum l-ammont li għadu dovut mis-soċjetà konvenuta lil dik attriċi huwa ta' €15,337.41, rappreżentanti nofs l-ispejjez inkorsi mis-soċjetà attriċi bħala ħlas ta' perit, surveyor u sensar, oltre spejjeż oħra amministrattivi;
5. L-ammont ta' €15,337.41 dovut mis-soċjetà konvenuta kif premess huwa dejn ċert, likwidu u dovut;
6. Minkejja illi ġiet interpellata diversi drabi, anke ġudizzjarjament, sabiex tħallas dan l-ammont, is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti;
7. L-konvenuta m'għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq għal din it-talba ;
8. Jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Talbet lil din il-Qorti sabiex tiddispensa mis-smiegħ tal-kawża skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 167 et seq tal- kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili (Kap 12) tal-liġijiet ta' Malta:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi dan ir- rikors, bid-dispensa tas-smiegħ kif premess;
ii. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi fil- konfront tas-soċjetà fl-ammont ta' €15,33.41, rappreżentati nofs l-ispejjez inkorsi mis-soċjetà attriċi bħala ħlas ta' perit, surveyor u sensar, oltre spejjez oħra amministrattivi, u liema dejn huwa ċert, likwidu u dovut mill-istess soċjetà konvenuta;
iii. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-attriċi l-ammont ta' €15,337.41;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' ittra uffiċjali esekuttiva ppreżentata fit-13 ta' Frar 2009 u bl-imgħax legali kontra s-soċjetà konvenuta.

Rat il-provvediment tagħha tal-21 t'Ottubru 2009 li permezz tiegħu ikkunsidrat li s-soċjeta` konvenuta wriet li kellha eċċezzjonijiet xi tressaq u għalhekk tagħtha għoxrin jum biex tippreżenta Risposta Guramentata;

Rat ir-Risposta Maħlufa imressqa mis-soċjeta` konvenuta fl- 4 ta' Novembru 2009 fejn eċċepiet:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, it-talba tas-soċjetà rikorrenti hija preskritta bid-dekors ta' 5 snin a tenur tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 2156(f) tal-kodiċi ċivili, stante illi diversi mill-pagamenti allegatament effettwati mill-istess soċjetà rikorrenti jirrisalu għal iktar minn ħames snin ilu;
2. Illi fil-metru u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjetà rikorrenti għandha ġġib prova permezz ta' riċevuti ta' kull ammont li allegatament ħallset għan-nom tas-soċjetà esponenti;
3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra s-soċjetà rikorrenti bħala infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiż ma huwiex dovut kif allegat.

Rat is-sentenza tagħha, diversament ippreseduta, tas-27 ta' Frar 2012 (fol 98) li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu awtorizzat korrezzjoni fit-talba billi jiġi nkluż l-imgħax (fol 182A);

Rat id-digriet tagħha, diversament ippreseduta, tat-22 ta' Marzu 2012, li permezz tiegħu ċaħdet it-talba għal permess biex f'dak l-istadju jsir appell mis-sentenza msemmija (fol 118);

Semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti esibiti:

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-għeluq  tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur ressaq il-provi tiegħu fil-mertu  kemm permezz ta' riċevuti u kontijiet  li ġew ikkonfermati mill-persuni li ħarġuhom – il-perit Edward Bencini (fol 134), il-Perit Edwin Mintoff (fol 137), Graham Salt (fol 155), Alfred Darmenia (fol 159), kif ukoll minn affidavits spjegattivi ta' John Vella, direttur tagħha (fol 60) kif ukoll ta' Joseph Marquette, amministratur tagħha (fol 74);

Illi l-konvenuta m'għamlet l-ebda kontro-eżami ta' dawn ix-xhieda u lanqas ressqet provi hi;

Illi jirriżulta li l-kontijiet kienu kollha relatati mal-art miżmuma b'titolu ta' proprjeta` indiviżament bejn il-partijiet kontendenti.  Il-konvenuta, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha sostniet li (1) uħud minn dawn ix-xogħlijiet saru mingħajr il-kunsens tagħha.  Dan iżda huwa miċħud minn John Vella u Joseph Marquette; u li (2) uħud mill-kontijiet ma nħarġux kontriha filwaqt li oħrajn tħallsu minn terzi.  B'danakollu, jirriżulta li x-xogħlijiet relatati mal-kontijiet u mal-ħlasijiet kienu kollha konnessi mal-art in kwistjoni.  Dan jammettih Nicholas Sammut stess, direttur tal-konvenuta, meta xehed – fl-istadju tal-provi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni – illi "L-invoices relatati ma' dina l-kawża rajthom u ngħid illi jidher li l-invoices  mertu ta' dina l-kawża huma relatati  mal-art illi tagħha  s-soċjeta` konvenuta hija proprjetarja" (fol 48);

Illi għalhekk it-talba tal-attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata;

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta'  u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet tal-attriċi billi:**

**1.** Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi fil- konfront tas- soċjetà fl-ammont ta' €15,33.41, rappreżentati nofs l-ispejjez inkorsi mis-soċjetà attriċi bħala ħlas ta' perit, surveyor u sensar, oltre spejjez oħra amministrattivi, u liema dejn huwa ċert, likwidu u dovut mill-istess soċjetà konvenuta

**2.** Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-attriċi l-ammont ta' €15,337.41;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' ittra uffiċjali esekuttiva ppreżentata fit-13 ta' Frar 2009 u bl-imgħax legali kontra s-soċjetà konvenuta

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA